



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2013/0305(COD)

10.1.2014

EMENDI 14 - 56

Abbozz ta' opinjoni
Elena Oana Antonescu
(PE524.592v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq
sustanzi psikoattivi ġodda

Proposta għal regolament
(COM(2013)0619 – C7-0272/2013 – 2013/0305(COD))

AM\1014698MT.doc

PE526.242v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

AM_Com_LegOpinion

Emenda 14
James Nicholson

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikolu 114*** tiegħu,

Emenda

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***t-Titolu V*** tiegħu,

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-Titolu V (L-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja) huwa l-bażi legali l-aktar xierqa b'mod partikolari fid-dawl tal-livelli enormi ta' kummerċ illeċitu tal-NPS.

Emenda 15
Marusya Lyubcheva

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri jintroduċu bosta miżuri ta' restrizzjoni fuq dawn is-sustanzi psikoattivi ġodda biex jindirizzaw ir-riskji li għandhom jew li jista' jkollhom meta jiġu kkunsmati. Minħabba li sustanzi psikoattivi ġodda spiss jintużaw fil-produzzjoni ta' bosta prodotti jew ta' sustanzi oħra li huma użati għall-manifattura ta' prodotti, bħall-mediċini, solventi industrijali, aġenti tat-tindif, prodotti oħra fl-industrija b'teknoloġija avvanzata, ir-restrizzjoni tal-aċċess tagħhom għal dan l-użu jista' jkollha impatt importanti fuq l-operaturi ekonomiċi, u potenzjalment tħarbat l-attivitajiet ta' negozju tagħhom fis-suq intern.

Emenda

(3) L-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri jintroduċu bosta miżuri ta' restrizzjoni fuq dawn is-sustanzi psikoattivi ġodda biex jindirizzaw ir-riskji li għandhom jew li jista' jkollhom meta jiġu kkunsmati. Minħabba li sustanzi psikoattivi ġodda spiss jintużaw ***għal finijiet ta' tar-riċerka xjentifika u l-iżvilupp u*** fil-produzzjoni ta' bosta prodotti jew ta' sustanzi oħra li huma użati għall-manifattura ta' prodotti, bħall-mediċini, solventi industrijali, aġenti tat-tindif, prodotti oħra fl-industrija b'teknoloġija avvanzata, ir-restrizzjoni tal-aċċess tagħhom għal dan l-użu jista' jkollha impatt importanti fuq l-operaturi ekonomiċi, u potenzjalment tħarbat l-

attivitajiet ta' negozju tagħhom fis-suq intern ***u tista' timpedixxi wkoll ir-riċerka xjentifika u l-iżvilupp sostenibbli.***

Or. en

Emenda 16
Marusya Lyubcheva

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) In-numru dejjem jiżdied ta' sustanzi psikoattivi ġodda disponibbli fis-suq intern, il-varjetà dejjem tikber, il-veloċità li biha qed isiru preżenti fuq is-suq, ir-riskji differenti li jista' jkollhom meta kkunsmati mill-persuni ***u n-numru*** dejjem jikber ta' individwi li jikkunsmawhom jisfidaw il-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu reazzjonijiet effettivi biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà pubblika mingħajr ma jfixklu l-funzjonament tas-suq intern.

Emenda

(4) In-numru dejjem jiżdied ta' sustanzi psikoattivi ġodda disponibbli fis-suq intern, il-varjetà dejjem tikber, il-veloċità li biha qed isiru preżenti fuq is-suq, ir-riskji differenti li jista' jkollhom meta kkunsmati mill-persuni, ***in-numru*** dejjem jikber ta' individwi li jikkunsmawhom ***u n-nuqqas ta' għarfien ġenerali u s-sensibilizzazzjoni min-naħa tal-pubbliku dwar ir-riskji assoċjati mal-konsum tagħhom*** jisfidaw il-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu reazzjonijiet effettivi biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà pubblika mingħajr ma jfixklu l-funzjonament tas-suq intern.

Or. en

Emenda 17
Jacek Olgierd Kurski

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Miżuri ta' restrizzjoni jvarjaw b'mod sinifikanti fi Stati Membri differenti, jiġifieri l-operaturi ekonomiċi li jużawhom fil-produzzjoni ta' oġġetti varji għandhom,

Emenda

(5) Miżuri ta' restrizzjoni jvarjaw b'mod sinifikanti fi Stati Membri differenti, jiġifieri l-operaturi ekonomiċi li jużawhom fil-produzzjoni ta' oġġetti varji għandhom,

fil-każ tal-istess sustanza psikoattiva ġdida, ikunu konformi ma rekwiżiti differenti, bħal notifika ta' preesportazzjoni, awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, jew liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni. B'riżultat ta' hekk, id-differenzi bejn il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar sustanzi psikoattivi ġodda **itellfu** l-funzjonament tas-suq intern, billi jikkawżaw ostakli għall-kummerċ, frammentazzjoni tas-suq, nuqqas ta' ċarezza legali u ta' nuqqas ta' ugwaljanza għall-operaturi ekonomiċi, **u jgħamluha** diffiċli għall-kumpaniji biex joperaw madwar is-suq intern.

fil-każ tal-istess sustanza psikoattiva ġdida, ikunu konformi ma' rekwiżiti differenti, bħal notifika ta' preesportazzjoni, awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, jew liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni. B'riżultat ta' hekk, id-differenzi bejn il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar sustanzi psikoattivi ġodda **jtellfu** l-funzjonament tas-suq intern, billi jikkawżaw ostakli għall-kummerċ, frammentazzjoni tas-suq, nuqqas ta' ċarezza legali u ta' nuqqas ta' ugwaljanza għall-operaturi ekonomiċi, **jagħmluha** diffiċli għall-kumpaniji biex joperaw madwar is-suq intern **u jiksru l-prinċipju tal-ugwaljanza**.

Or. pl

Emenda 18 **Zbigniew Ziobro**

Proposta għal regolament **Premessa 7**

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Id-differenzi **bejn il-miżuri** ta' **restrizzjoni varji applikati għal sustanzi psikoattivi ġodda jistgħu wkoll iwasslu għall-ispostament ta' sustanzi psikoattivi perikolużi ġodda bejn l-Istati Membri, u jfixklu l-isforzi biex jirrestrinġu d-disponibilità tagħhom għall-konsumaturi u jpoġġu fil-periklu l-protezzjoni tal-konsumatur madwar l-Unjoni.**

Emenda

(7) Id-differenzi **fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ fis-sustanzi psikoattivi jżidu b'mod sinifikanti r-riskju ta' mezzi ta' kuntrabandu illegali li jinħolqu għal dawn is-sustanzi u jwasslu għal liġijiet li qegħdin jiġu evitati sabiex jinkisbu l-permessi neċessarji.**

Or. pl

Emenda 19 **Marusya Lyubcheva**

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Id-differenzi bejn il-miżuri ta' restrizzjoni varji applikati għal sustanzi psikoattivi ġodda jistgħu wkoll iwasslu għall-ispostament ta' sustanzi psikoattivi perikolużi ġodda bejn l-Istati Membri, u jfixklu l-isforzi biex jirrestrinġu d-disponibilità tagħhom għall-konsumaturi **u jpoġġu** fil-periklu l-protezzjoni tal-konsumatur madwar l-Unjoni.

Emenda

(7) Id-differenzi bejn il-miżuri ta' restrizzjoni varji applikati għal sustanzi psikoattivi ġodda jistgħu wkoll iwasslu għall-ispostament ta' sustanzi psikoattivi perikolużi ġodda bejn l-Istati Membri, u jfixklu l-isforzi biex jirrestrinġu d-disponibilità tagħhom għall-konsumaturi, **ipoġġu** fil-periklu l-protezzjoni tal-konsumatur madwar l-Unjoni **kif ukoll l-isforzi fil-ġlieda kontra l-attivitajiet kriminali potenzjali u l-attività tal-kriminalità organizzata assoċjati mad-distribuzzjoni tagħhom.**

Or. en

Emenda 20
Jacek Olgierd Kurski

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Id-differenzi bejn il-miżuri ta' restrizzjoni varji applikati għal sustanzi psikoattivi ġodda jistgħu wkoll iwasslu għall-ispostament ta' sustanzi psikoattivi perikolużi ġodda bejn l-Istati Membri, u jfixklu l-isforzi biex jirrestrinġu d-disponibilità tagħhom għall-konsumaturi u jpoġġu fil-periklu l-protezzjoni tal-konsumatur madwar l-Unjoni.

Emenda

(7) Id-differenzi bejn il-miżuri ta' restrizzjoni varji applikati għal sustanzi psikoattivi ġodda jistgħu wkoll iwasslu għall-ispostament ta' sustanzi psikoattivi perikolużi ġodda bejn l-Istati Membri, u jfixklu l-isforzi biex jirrestrinġu d-disponibilità tagħhom għall-konsumaturi u jpoġġu fil-periklu l-protezzjoni tal-konsumatur madwar l-Unjoni. **Id-differenzi fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ fis-sustanzi psikoattivi jżidu b'mod sinifikanti r-riskju ta' mezz ta' kuntrabandu illegali li jinħolqu għal dawn is-sustanzi u jwasslu għal liġijiet li qegħdin jiġu evitati sabiex jinkisbu l-permessi neċessarji.**

Emenda 21
Marusya Lyubcheva

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Differenzi bħal dawn huma mistennija jiżdiedu hekk kif l-Istati Membri jkomplu jsegwu approċċi differenti biex jindirizzaw sustanzi psikoattivi ġodda. Għalhekk, l-ostakli għall-kummerċ u l-frammentazzjoni tas-suq, u n-nuqqas ta' ċarezza legali u kondizzjonijiet ekwivalenti huma mistennija jiżdiedu, biex b'hekk ikomplu jtellfu l-funzjonament tas-suq intern.

Emenda

(8) Differenzi bħal dawn huma mistennija jiżdiedu hekk kif l-Istati Membri jkomplu jsegwu approċċi differenti biex jindirizzaw sustanzi psikoattivi ġodda. Għalhekk, l-ostakli għall-kummerċ u l-frammentazzjoni tas-suq, u n-nuqqas ta' ċarezza legali u kondizzjonijiet ekwivalenti huma mistennija jiżdiedu, biex b'hekk ikomplu jtellfu l-funzjonament tas-suq intern ***u l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà pubbliċi.***

Or. en

Emenda 22
Zbigniew Ziobro

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Sustanzi psikoattivi ġodda u taħlitiet għandhom ikunu jistgħu jiċċirkolaw liberament fl-Unjoni meta maħsuba għall-użu kummerċjali u industrijali, kif ukoll għar-riċerka u l-iżvilupp xjentifiċi. Dan ir-regolament għandu jstabilixxi regoli għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet għal dan il-moviment ħieles.

Emenda

imħassra

Or. pl

Emenda 23
Radvilé Morkūnaité-Mikulēniené

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Sustanzi psikoattivi ġodda u taħlitiet għandhom ikunu jistgħu jiċċirkolaw liberament fl-Unjoni meta maħsuba għall-użu kummerċjali u industrijali, kif ukoll għar-riċerka u l-iżvilupp xjentifiċi. Dan ir-regolament għandu jistabbilixxi regoli għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet għal dan il-moviment ħieles.

Emenda

(10) Sustanzi psikoattivi ġodda u taħlitiet għandhom ikunu jistgħu jiċċirkolaw liberament fl-Unjoni meta maħsuba għall-użu kummerċjali u industrijali, kif ukoll għar-riċerka u l-iżvilupp xjentifiċi. Dan ir-regolament għandu jistabbilixxi regoli għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet għal dan il-moviment ħieles. ***Barra minn hekk, madankollu, għandha titwaqqaf id-distribuzzjoni illeċita ta' dawn is-sustanzi u taħlitiet.***

Or. It

Emenda 24
Zbigniew Ziobro

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Kwalunkwe azzjoni tal-Unjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda għandha tkun ibbażata fuq evidenza xjentifika u għandha tkun soġġetta għal proċedura speċifika. Ibbażat fuq l-informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri, għandu jitħejja rapport fuq sustanzi psikoattivi ġodda li joħolqu tħassib madwar l-Unjoni. Ir-rapport għandu ***jindika jekk hemmx bżonn li titwettaq*** valutazzjoni ***tar-riskju***. Wara l-evalwazzjoni tar-riskju, il-Kummissjoni għandha tiddetermina ***jekk is-sustanzi psikoattivi l-ġodda għandhomx ikunu soġġetti*** għal ***kwalunkwe*** miżuri ta' restrizzjoni. Fil-każ ta' tħassib dwar is-saħħa pubblika, il-Kummissjoni għandha

Emenda

(13) Kwalunkwe azzjoni tal-Unjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda għandha tkun ibbażata fuq evidenza xjentifika, ***kif ukoll fuq l-esperjenza wiesgħa tal-Istati Membri f'dan il-qasam***, u għandha tkun soġġetta għal proċedura speċifika. Ibbażat fuq l-informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri, għandu jitħejja rapport fuq sustanzi psikoattivi ġodda li joħolqu tħassib madwar l-Unjoni. Ir-rapport għandu ***jinkludi*** valutazzjoni ***tal-perikli kkawżati mis-sustanzi psikoattivi rilevanti***. Wara l-evalwazzjoni tar-riskju, il-Kummissjoni għandha tiddetermina għal ***liema*** miżuri ta' restrizzjoni ***għandhom ikunu soġġetti s-sustanzi rilevanti***. Fil-każ ta' tħassib dwar

tissottomettihom għal restrizzjoni temporanja tas-suq tal-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskju. Fil-każ li tirriżulta informazzjoni ġdida dwar sustanza psikoattiva ġdida, il-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid il-livell ta' riskji li jkollha. Rapporti dwar sustanzi psikoattivi ġodda għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.

is-saħħa pubblika, il-Kummissjoni għandha tissottomettihom għal restrizzjoni temporanja tas-suq tal-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskju. Fil-każ li tirriżulta informazzjoni ġdida dwar sustanza psikoattiva ġdida, il-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid il-livell ta' riskji li jkollha ***u timponi mill-ġdid ir-restrizzjonijiet tas-suq***. Rapporti dwar sustanzi psikoattivi ġodda għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.

Or. pl

Emenda 25
Nikos Chrysogelos

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Filwaqt illi jiġu kkunsidrati l-iżviluppi internazzjonali dwar ir-riforma tal-politika dwar id-drogi u l-kontroll tas-sustanzi illeċiti, hija meħtieġa valutazzjoni tal-impatt oġġettiva bbażata fuq evidenza xjentifika biex tiġi evalwata l-effikaċja tal-opzjonijiet differenti ta' kontroll u dawk regolatorji, inklużi politiki attwali ta' restrizzjoni, sabiex jiġu ssalvagwardati s-saħħa pubblika, is-sigurtà tal-konsumaturi u d-drittijiet tal-bniedem tal-utenti individwali.

Or. en

Emenda 26
Marusya Lyubcheva

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Ċerti sustanzi psikoattivi ġodda huma ta' riskju għas-saħħa pubblika immedjat, u jeħtieġu azzjoni urġenti. Għalhekk, id-disponibbiltà tagħhom għall-konsumaturi għandha tkun ristretta għal żmien **limitat**, sakemm issir il-valutazzjoni tar-riskju tagħhom.

Emenda

(17) Ċerti sustanzi psikoattivi ġodda huma ta' riskju għas-saħħa pubblika immedjat, u jeħtieġu azzjoni urġenti. Għalhekk, id-disponibbiltà tagħhom għall-konsumaturi għandha tkun ristretta għal **perjodu ta' żmien suffiċjenti**, sakemm issir il-valutazzjoni tar-riskju tagħhom.

Or. en

Emenda 27
Zbigniew Ziobro

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) **L-ebda miżura ta' restrizzjoni m'għandha tiġi introdotta fuq il-livell tal-Unjoni fuq sustanzi psikoattivi ġodda li huma ta' riskji baxxi għas-saħħa, soċjetà u sigurtà.**

Emenda

imħassra

Or. pl

Emenda 28
Marusya Lyubcheva

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) **Il-mekkaniżm** għal skambju mgħaġġel ta' informazzjoni fuq sustanzi psikoattivi ġodda wera li huwa mezz utli għall-iskambju ta' informazzjoni fuq sustanzi psikoattivi ġodda, fuq tendenzi ġodda fl-użu ta' sustanzi psikoattivi kkontrollati u fuq twissijiet għas-saħħa pubblika relatati.

Emenda

(24) **Il-mekkaniżmu** għal skambju mgħaġġel ta' informazzjoni fuq sustanzi psikoattivi ġodda wera li huwa mezz utli għall-iskambju ta' informazzjoni fuq sustanzi psikoattivi ġodda, fuq tendenzi ġodda fl-użu ta' sustanzi psikoattivi kkontrollati u fuq twissijiet għas-saħħa

Dan il-mekkaniżmu għandu jkun imsaħħaħ aktar biex jippermetti reazzjoni aktar effettiva għall-preżenza u firxa mgħaġġla ta' sustanzi psikoattivi ġodda madwar l-Unjoni.

pubblika relatati. Dan il-mekkaniżmu għandu jkun imsaħħaħ aktar biex jippermetti reazzjoni aktar effettiva għall-preżenza u firxa mgħaġġla ta' sustanzi psikoattivi ġodda madwar l-Unjoni, ***kif ukoll biex jiżdied il-livell ta' sensibilizzazzjoni min-naħa tal-pubbliku dwar ir-riskji assoċjati mal-użu tagħhom għal kwalunkwe finijiet, minbarra dawk kummerċjali, industrijali jew xjentifiċi.***

Or. en

Emenda 29 **Marusya Lyubcheva**

Proposta għal regolament **Premessa 29**

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Miżuri ta' prevenzjoni, trattament u tnaqqis tal-ħsara huma importanti biex jiġi indirizzat l-użu dejjem jikber ta' sustanzi psikoattivi ġodda u r-riskji potenzjali tagħhom. L-internet, li huwa wieħed mill-aktar mezzi ta' distribuzzjoni importanti li permezz tiegħu jinbiegħu sustanzi psikoattivi ġodda, għandu jintuża biex titqassam informazzjoni fuq ir-riskji għas-saħħa, ***soċjetà u sigurtà*** li għandhom sustanzi psikoattivi ġodda bħal dawn.

Emenda

(29) Miżuri ta' prevenzjoni, trattament u tnaqqis tal-ħsara huma importanti biex jiġi indirizzat l-użu dejjem jikber ta' sustanzi psikoattivi ġodda u r-riskji potenzjali tagħhom. L-internet, li huwa wieħed mill-aktar mezzi ta' distribuzzjoni importanti li permezz tiegħu ***jiġu rreklamati u*** jinbiegħu sustanzi psikoattivi ġodda, għandu jintuża biex titqassam informazzjoni fuq ir-riskji għas-saħħa, ***is-soċjetà u s-sigurtà*** li għandhom sustanzi psikoattivi ġodda bħal dawn, ***u għall-prevenzjoni tal-użu ħażin u l-abbuż tagħhom.***

Or. en

Emenda 30 **Marusya Lyubcheva**

Proposta għal regolament **Premessa 29a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(29a) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu wkoll attivitajiet, inizjattivi u kampanji edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni li għandhom fil-mira tagħhom ir-riskji għas-saħħa, soċjali u ta' sigurtà assoċjati mal-użu ħażin u l-abbuż ta' sustanzi psikoattivi ġodda.

Or. en

Emenda 31
Zbigniew Ziobro

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(32) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fejn, f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' żieda mgħaġġla fin-numru ta' każijiet rappurtati ta' mewt f'diversi Stati Membri assoċjati mal-konsum tas-sustanza psikoattiva l-ġdida kkonċernata, raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jeżiġu dan.

(32) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fejn, f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' żieda mgħaġġla fin-numru ta' każijiet rappurtati ta' mewt **jew inċidenti li huma ta' theddid serju għas-saħħa** f'diversi Stati Membri assoċjati mal-konsum tas-sustanza psikoattiva l-ġdida kkonċernata, raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jeżiġu dan.

Or. pl

Emenda 32
Marusya Lyubcheva

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(32) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fejn, f'każijiet debitament

(32) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fejn, f'każijiet debitament

ġustifikati relatati ma' żieda mgħaġġla fin-numru ta' każijiet rappurtati ta' mewt f'diversi Stati Membri assoċjati mal-konsum tas-sustanza psikoattiva l-ġdida kkonċernata, raġunijiet imperattivi ta' urġenza **li** jeżiġu dan.

ġustifikati relatati ma' żieda mgħaġġla fin-numru ta' każijiet rappurtati ta' mewt **u kosegwenzi gravi għas-saħħa** f'diversi Stati Membri assoċjati mal-konsum tas-sustanza psikoattiva l-ġdida kkonċernata, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jeżiġu dan.

Or. en

Emenda 33 **Radvilè Morkūnaitè-Mikulénienè**

Proposta għal regolament **Artikolu 3 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Sustanzi u taħlit psikoattiv ġdid jiċċaqalqu b'mod ħieles fl-Unjoni għal użu kummerċjali u industrijali, kif ukoll għal skopijiet ta' riċerka xjentifika u żvilupp.

Emenda

Sustanzi u taħlit psikoattiv ġdid jiċċaqalqu b'mod ħieles fl-Unjoni għal użu kummerċjali u industrijali **biss**, kif ukoll għal skopijiet ta' riċerka xjentifika u żvilupp.

Or. It

Emenda 34 **James Nicholson**

Proposta għal regolament **Artikolu 6 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fejn l-EMCDDA u l-Europol jew il-Kummissjoni jikkunsidraw li l-informazzjoni maqsuma fuq sustanza psikoattiva ġdida notifikata minn diversi Stati Membri tikkawża tħassib madwar l-Unjoni minħabba r-riskji għas-saħħa, soċjali u ta' sigurtà li jista' jkollha s-sustanza psikoattiva l-ġdida, l-EMCDDA u l-Europol ifasslu rapport konġunt fuq is-sustanza psikoattiva l-ġdida.

Emenda

1. Fejn l-EMCDDA u l-Europol, **l-Istati Membri** jew il-Kummissjoni jikkunsidraw li l-informazzjoni maqsuma fuq sustanza psikoattiva ġdida notifikata minn diversi Stati Membri tikkawża tħassib madwar l-Unjoni minħabba r-riskji għas-saħħa, soċjali u ta' sigurtà li jista' jkollha s-sustanza psikoattiva l-ġdida, l-EMCDDA u l-Europol ifasslu rapport konġunt fuq is-sustanza psikoattiva l-ġdida.

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri jistgħu jistiednu lill-EMCDDA biex ifassal rapport.

Emenda 35
Rebecca Taylor

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fejn l-EMCDDA u l-Europol jew il-Kummissjoni jikkunsidraw li l-informazzjoni maqsuma fuq sustanza psikoattiva ġdida notifikata minn **diversi** Stati Membri tikkawża tħassib madwar l-Unjoni minħabba r-riskji għas-saħħa, soċjali u ta' sigurtà li jista' jkollha s-sustanza psikoattiva l-ġdida, l-EMCDDA u l-Europol ifasslu rapport konġunt fuq is-sustanza psikoattiva l-ġdida.

Emenda

1. Fejn l-EMCDDA u l-Europol jew il-Kummissjoni jikkunsidraw li l-informazzjoni maqsuma fuq sustanza psikoattiva ġdida notifikata minn **tliet** Stati Membri **jew aktar** tikkawża tħassib madwar l-Unjoni minħabba r-riskji għas-saħħa, soċjali u ta' sigurtà li jista' jkollha s-sustanza psikoattiva l-ġdida, l-EMCDDA u l-Europol ifasslu rapport konġunt fuq is-sustanza psikoattiva l-ġdida.

Ġustifikazzjoni

Il-kelma “diversi” hija ambigwa. Għall-finijiet ta' ċarezza, l-UE għandha taġixxi biss meta sustanza tkun ġiet identifikata fi tliet Stati Membri jew aktar.

Emenda 36
Rebecca Taylor

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) L-identità kimika u fiżika tas-sustanza psikoattiva ġdida, il-metodi u, jekk magħrufa l-prekursuri kimiċi użati għall-

Emenda

(b) l-identità kimika u fiżika tas-sustanza psikoattiva ġdida, il-metodi u, jekk magħrufa l-prekursuri kimiċi użati għall-

manifattura jew estrazzjoni tagħha, u sustanzi psikoattivi ġodda oħra bi struttura kimika simili li saru preżenti;

manifattura jew estrazzjoni tagħha, u ***kwalkunkwe sustanza psikoattiva ġdida jew gruppi ta'*** sustanzi psikoattivi ġodda oħra bi struttura kimika simili li saru preżenti;

Or. en

Emenda 37
James Nicholson

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-użu kummerċjali u industrijali tas-sustanza psikoattiva ġodda, kif ukoll l-użu tagħha għar-riċerka xjentifika u skopijiet ta' żvilupp;

Emenda

(c) l-użu kummerċjali u industrijali tas-sustanza psikoattiva ġodda, kif ukoll l-użu tagħha għar-riċerka xjentifika u skopijiet ta' żvilupp ***u kwalkunkwe użu magħruf ieħor***;

Or. en

Emenda 38
James Nicholson

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-użu mediku mill-bniedem u dak veterinarju tas-sustanza psikoattiva l-ġdida inkluż l-użu tagħha bħala sustanza attiva fi prodott mediċinali ***jew*** prodott mediċinali veterinarju;

Emenda

(d) l-użu mediku mill-bniedem u dak veterinarju tas-sustanza psikoattiva l-ġdida inkluż l-użu tagħha bħala sustanza attiva fi prodott mediċinali, prodott mediċinali veterinarju ***jew prodott simili***;

Or. en

Emenda 39
James Nicholson

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-EMCDDA u l-Europol għandhom jissottometti r-rapport konġunt lill-Kummissjoni fi żmien tmien ġimgħat mit-talba għal aktar informazzjoni msemmija *f'paragrafu 3*.

Emenda

L-EMCDDA u l-Europol għandhom jissottometti r-rapport konġunt lill-Kummissjoni fi żmien tmien ġimgħat mit-talba għal aktar informazzjoni msemmija *fil-paragrafi 3 u 4*.

Or. en

Emenda 40
James Nicholson

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) imwiet irrappurtati u diversi konsegwenzi ta' saħħa assoċjati mal-konsum tas-sustanza psikoattiva ġdida f'diversi Stati Membri, relatati mat-tossiċità *akuta serja* tas-sustanza psikoattiva ġdida;

Emenda

(a) imwiet irrappurtati u diversi konsegwenzi ta' saħħa assoċjati mal-konsum tas-sustanza psikoattiva ġdida f'diversi Stati Membri, relatati mat-tossiċità tas-sustanza psikoattiva ġdida;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sustanzi psikoattivi ġodda jistgħu jikkawżaw imwiet u konsegwenzi ta' saħħa gravi anke mingħajr ma jkollhom tossiċità akuta.

Emenda 41
Marusya Lyubcheva

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-prevalenza u l-mudelli ta' użu tas-sustanza psikoattiva ġdida fil-popolazzjoni ġenerali u fi gruppi speċifiċi, b'mod partikolari l-frekwenza, kwantitajiet u mod ta' użu, id-disponibilità tagħha għall-konsumaturi u l-potenzjal ta' tixrid, li jindikaw li l-iskala tar-riskju hija konsiderevoli.

Emenda

(b) il-prevalenza u l-mudelli ta' użu tas-sustanza psikoattiva ġdida fil-popolazzjoni ġenerali u fi gruppi speċifiċi, b'mod partikolari l-frekwenza, kwantitajiet u mod ta' użu, id-disponibilità tagħha għall-konsumaturi u l-potenzjal ta' tixrid, li jindikaw li l-iskala tar-riskju hija **moderata jew** konsiderevoli.

Or. en

Emenda 42
James Nicholson

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Minħabba raġunijiet ta' urġenza assoluta ġustifikat kif dovut relatati ma' żieda mgħaġġla fin-numru ta' imwiet irrappurtati f'diversi Stati Membri assoċjati mal-konsum tas-sustanza psikoattiva l-ġdida kkonċernata, l-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli skont il-proċedura stabbilita f'Artikolu 19(3).

Emenda

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li joġġezzjonaw għall-projbizzjoni immedjata ta' sustanzi psikoattivi ġodda, għaldaqstant il-proċedura fl-Artikolu 19(2) għandha tintuża għall-każijiet kollha.

Emenda 43
Marusya Lyubcheva

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) id-dannu għas-saħħa **kkawżati** mill-konsum tas-sustanza psikoattiva l-ġdida **assoċjati** mat-tossiċità akuta u kronika tagħha, **tendenza** li jsir abbuż u l-potenzjal li tiġi prodotta d-dipendenza, b'mod partikolari korriment, mard, ħsara fiżika u mentali;

Emenda

(a) id-dannu għas-saħħa **kkawżat** mill-konsum tas-sustanza psikoattiva l-ġdida **assoċjat** mat-tossiċità akuta u kronika tagħha, **it-tendenza** li jsir abbuż u l-potenzjal li tiġi prodotta d-dipendenza, b'mod partikolari korriment, mard, **aggressjoni**, ħsara fiżika u mentali;

Or. en

Emenda 44

Rebecca Taylor

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Ir-riskji għas-sigurtà, b'mod partikolari l-firxa ta' mard, inkluż viruses li jittieħdu mid-demm, il-konsegwenzi ta' ħsara fiżika u mentali fuq il-kapaċità ta; sewqan, l-impatt tal-manifattura, trasport u rimi tas-sustanza psikoattiva ġdida u materjali ta'skart fuq l-ambjent.

Emenda

(c) ir-riskji għas-sigurtà **pubblika**, b'mod partikolari l-firxa ta' mard, inkluż viruses li jittieħdu mid-demm, il-konsegwenzi ta' ħsara fiżika u mentali fuq il-kapaċità ta' sewqan, l-impatt tal-manifattura, trasport u rimi tas-sustanza psikoattiva ġdida u materjali ta' skart **assoċjati** fuq l-ambjent.

Or. en

Emenda 45

Marusya Lyubcheva

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) id-dannu għas-saħħa **kkawżat** mill-konsum tas-sustanza psikoattiva l-ġdida **assoċjat** mat-tossiċità akuta u kronika

Emenda

(a) id-dannu għas-saħħa **kkawżat** mill-konsum tas-sustanza psikoattiva l-ġdida **assoċjat** mat-tossiċità akuta u kronika

tagħha, it-tendenza li jsir abbuż u l-potenzjal li tiġi prodotta d-dipendenza **huma limitati**, minħabba li **tikkawża** korriment u mard **żgħir**, u **dannu fiżiku jew** mentali **żgħir**;

tagħha, it-tendenza li jsir abbuż u l-potenzjal li tiġi prodotta d-dipendenza, **ma jeżistix jew huwa negliġibbli**, minħabba li **ma jipprovokax** korriment u mard, **aggressjoni u ħsara fiżika u** mentali;

Or. en

Emenda 46
Rebecca Taylor

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Ir-riskji għas-sigurtà huma limitati, b'mod partikolari riskju baxx ta' firxa ta' mard inkluż viruses li jittieħdu mid-demm, konsegwenzi baxxi jew li ma jeżistux ta' ħsara fiżika u mentali fuq il-kapaċità ta' sewqan, l-impatt tal-manifattura, trasport u rimi tas-sustanza psikoattiva ġdida u materjali ta'skart fuq l-ambjent huma baxxi

Emenda

(c) ir-riskji għas-sigurtà **pubblika** huma limitati, b'mod partikolari riskju baxx ta' firxa ta' mard inkluż viruses li jittieħdu mid-demm, konsegwenzi baxxi jew li ma jeżistux ta' ħsara fiżika u mentali fuq il-kapaċità ta' sewqan, l-impatt tal-manifattura, trasport u rimi tas-sustanza psikoattiva ġdida u materjali ta' skart **assoċjati** fuq l-ambjent huma baxxi.

Or. en

Emenda 47
Rebecca Taylor

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Ir-riskji għas-sigurtà huma moderati, b'mod partikolari riskju rari ta' firxa ta' mard inkluż viruses li jittieħdu mid-demm, konsegwenzi moderati ta' ħsara fiżika u mentali fuq il-kapaċità ta' sewqan, l-impatt tal-manifattura, trasport u rimi tas-sustanza psikoattiva ġdida u materjali ta'skart

Emenda

(c) ir-riskji għas-sigurtà **pubblika** huma moderati, b'mod partikolari riskju rari ta' firxa ta' mard inkluż viruses li jittieħdu mid-demm, konsegwenzi moderati ta' ħsara fiżika u mentali fuq il-kapaċità ta' sewqan, l-impatt tal-manifattura, trasport u rimi tas-sustanza psikoattiva ġdida u materjali ta' skart assoċjati jirriżulta

assoċjati jirriżulta f'disturb ambjentali.

f'disturb ambjentali.

Or. en

Emenda 48
Rebecca Taylor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) id-dannu għas-saħħa kkawżat mill-konsum tas-sustanza psikoattiva l-ġdida **assoċjati** mat-tossiċità akuta u kronika tagħha, **tendenza** li jsir abbuż u l-potenzjal li tiġi prodotta d-dipendenza **huma ta' theddida għall-ħajja**, minħabba li ġeneralment jikkawża mewt jew korriment fatali, mard gravi u ħsara fiżika u mentali gravi;

Emenda

(a) id-dannu għas-saħħa kkawżat mill-konsum tas-sustanza psikoattiva l-ġdida **assoċjat** mat-tossiċità akuta u kronika tagħha, **it-tendenza** li jsir abbuż u l-potenzjal li tiġi prodotta d-dipendenza **huwa gravi u sinifikanti**, minħabba li ġeneralment jikkawża mewt jew korriment fatali, mard gravi u ħsara fiżika u mentali gravi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mard serju u ħsara fiżika jew mentali serja mhumiex neċessarjament ta' theddida għall-ħajja, iżda s-sustanzi li jkollhom dawn il-konsegwenzi għandhom jitqiesu bħala sustanzi ta' riskju għoli.

Emenda 49
Rebecca Taylor

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ir-riskji għas-sigurtà huma gravi b'mod partikolari firxa sinifikanti ta' mard, inkluż trażmissjoni ta' viruses li jittieħdu mid-demm, konsegwenzi gravi ta' ħsara fiżika u mentali fuq il-kapaċità ta' sewqan, u l-

Emenda

(c) ir-riskji għas-sigurtà **pubblika** huma gravi b'mod partikolari firxa sinifikanti ta' mard, inkluż trażmissjoni ta' viruses li jittieħdu mid-demm, konsegwenzi gravi ta' ħsara fiżika u mentali fuq il-kapaċità ta'

manifattura, trasport u rimi tas-sustanza psikoattiva l-ġdida u materjali ta' skart assoċjati *jirriżulta* fi ħsara ambjentali.

sewqan, u l-manifattura, trasport u rimi tas-sustanza psikoattiva l-ġdida u materjali ta' skart assoċjati *li jirriżultaw* fi ħsara ambjentali.

Or. en

Emenda 50
Jolanta Emilia Hibner

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni fejn ma tingħata l-ebda opinjoni mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 19(1).

Or. en

Emenda 51
Nikos Chrysogelos

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 13a

Informazzjoni lill-konsumaturi individwali

(a) Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli minnufih għall-pubbliku, speċjalment għaż-żgħażaġh, informazzjoni b'bażi xjentifika dwar ir-riskji għas-saħħa, soċjali u ta' sigurtà tas-sustanzi psikoattivi ġodda kif imsemmi fl-Artikoli 11, 12.1 u 13.1.

(b) Fir-rigward tas-sustanzi psikoattivi ġodda ta' riskju baxx kif imsemmi fl-

Artikolu 11, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku wkoll, b'mod wiesa', speċjalment għaż-żgħażaġh, informazzjoni dwar l-effetti tal-użu u l-użu sigur, kif ukoll linji gwida dwar it-tnaqqis tad-danni.

(c) Fir-rigward tas-sustanzi psikoattivi ġodda b'riskji moderati jew serji kif imsemmi fl-Artikoli 12.1 u 13.1, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku wkoll, b'mod wiesa', speċjalment għaż-żgħażaġh, informazzjoni dwar miżuri ta' identifikazzjoni u twissija bikrija, prevenzjoni, trattament u tnaqqis tad-danni.

(d) Il-Kummissjoni għandha tikkollabora mal-Punti Fokali Nazzjonali fi ħdan in-Network Ewropew tal-Infommazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza mid-Droga ("Reitox") u assoċjazzjonijiet oħra għat-tnaqqis tad-danni u t-trattament tad-dipendenza biex tiġi pprovduta informazzjoni preċiża u f'waqtha lill-utenti individwali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa meħtieġ sabiex tiġi ssalvagwardata s-saħħa pubblika tal-utenti u s-sigurtà tal-konsumaturi

Emenda 52
James Nicholson

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn informazzjoni u evidenza ġdida hija disponibbli dwar ir-riskji li ġejjin minn sustanza psikoattiva ġdida li r-riskji għas-

Emenda

Fejn informazzjoni u evidenza ġdida hija disponibbli dwar ir-riskji li ġejjin minn sustanza psikoattiva ġdida li r-riskji għas-

saħħa, *soċjetà u sigurtà* tagħha kienu diġà stabbiliti skont *Artikolu 10*, il-Kummissjoni *titlob* lill-EMCDDA biex *taġġorna* r-rapport ta' valutazzjoni ta' riskju abbozzat fuq is-sustanza psikoattiva l-ġdida u *teżamina* mill-ġdid il-livell ta' riskji li għandha s-sustanza psikoattiva l-ġdida.

saħħa, *is-soċjetà u s-sigurtà* tagħha kienu diġà stabbiliti skont *l-Artikolu 10*, il-Kummissjoni *jew l-Istati Membri għandhom jitolbu* lill-EMCDDA biex *jaġġorna* r-rapport ta' valutazzjoni ta' riskju abbozzat fuq is-sustanza psikoattiva l-ġdida u *jeżamina* mill-ġdid il-livell ta' riskji li għandha s-sustanza psikoattiva l-ġdida.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jitlobu eżami mill-ġdid tal-livell ta' riskju wkoll.

Emenda 53

Radvilè Morkūnaitè-Mikulēnienè

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għal kontravenzjoni tad-Deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1), l-Artikolu 12(1) u l-Artikolu 13(1) u jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet stabbiliti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u *diswassivi*. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk ir-regoli dwar sanzjonijiet u kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwa dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

Emenda

L-Istati Membri jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għal kontravenzjoni tad-Deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1), l-Artikolu 12(1) u l-Artikolu 13(1), u *għal distribuzzjoni illeċita ta' sustanzi jew taħlitiet psikoattivi ġodda, u* jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet stabbiliti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u *dissważivi*. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk ir-regoli dwar sanzjonijiet u kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwa dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

Or. It

Emenda 54
Rebecca Taylor

Proposta għal regolament
Artikolu -20 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu -20

Ambitu nazżjonali

Meta l-UE ma tiħux passi, jew il-Kummissjoni tkun iddeċidiet li ma tadotta l-ebda miżura ta' restrizzjoni abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju tal-EMCDDA ta' sustanza psikoattiva ġdida, l-Istati Membri individwali jistgħu jżommu jew jintroduċu fit-territorju tagħhom restrizzjonijiet dwar l-introduzzjoni fis-suq tas-sustanza psikoattiva l-ġdida għall-konsumaturi, mingħajr preġudizzju għall-kummerċ leġittimu fl-industrija, jew għall-prodotti mediċinali jew għall-prodotti mediċinali veterinarji li jkunu kisbu awtorizzazzjoni għal kummerċjalizzazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali restrizzjonijiet jiġu kkomunikati minnufih lill-Kummissjoni, l-EMCDDA u l-Europol.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi l-effetti ta' ċerti sustanzi psikoattivi ġodda jistgħu jkunu estremament lokalizzati, l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li jintroduċu projbizzjonijiet għall-konsumaturi fuq sustanzi fit-territorji tagħhom stess fejn l-UE ma tkun ħadet l-ebda passi, jew fejn tkun iddeċidiet li sustanza toħloq riskju baxx fil-livell Ewropew u għaldaqstant ma tkun teħtieġ l-ebda azzjoni min-naħa tal-Unjoni. Madankollu, fir-rigward tal-prinċipju tal-moviment ħieles tal-prodotti u s-suq intern, il-kummerċ leġittimu ta' dawn is-sustanzi fl-Unjoni, fejn jeżisti, m'għandux jiġi kompromess.

Emenda 55
Rebecca Taylor

PE526.242v01-00

24/25

AM\1014698MT.doc

**Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw l-iżvilupp, il-qsim u l-firxa ta' informazzjoni u tagħrif fuq sustanzi psikoattivi ġodda. Għandhom **jgħamlu** dan billi jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-EMCDDA, aġenziji oħra tal-Unjoni, u ċentri xjentifiċi u ta' riċerka.

Emenda

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw l-iżvilupp, il-qsim u l-firxa ta' informazzjoni u tagħrif fuq sustanzi psikoattivi ġodda. Għandhom **jagħmlu** dan billi jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-EMCDDA, aġenziji oħra tal-Unjoni, u ċentri xjentifiċi u ta' riċerka, **u billi jipprovdu b'mod regolari lil dawn il-korpi b'informazzjoni aġġornata dwar dawn is-sustanzi kull meta jkun possibbli.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-natura tas-sustanzi psikoattivi ġodda tista' tinbidel b'rata mgħaġġla, u għaldaqstant jeħtieġ li l-aġenziji tal-Unjoni u ċ-ċentri xjentifiċi u ta' riċerka jinżammu aġġornati kemm jista' jkun sabiex tiġi ssorveljata kwalunkwe theddida emerġenti għas-saħħa pubblika.

**Emenda 56
Rebecca Taylor**

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

L-EMCDDA u l-Europol jirrapportaw kull sena dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda

L-EMCDDA u l-Europol jirrapportaw kull sena **lill-Kummissjoni u l-Istati Membri** dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, **u dawn ir-rapporti se jiġu ppubblikati fuq websajt u jsiru disponibbli għall-pubbliku.**

Or. en